

## DEĊIJONIJIET

**DEĊIJONI TAL-KUNSILL (UE, Euratom) 2016/1706,  
meħuda bi qbil komuni mal-President tal-Kummissjoni,  
tad-19 ta' Settembru 2016  
li taħtar Membru tal-Kummissjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 246 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikulari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (¹),

Billi:

- (1) Fit-23 ta' Ottubru 2014 il-Kunsill Ewropew adotta d-Deċiżjoni 2014/749/UE (²) li taħtar lill-Kummissjoni Ewropea għall-perijodu sal-31 ta' Ottubru 2019.
- (2) Fittra bid-data tal-25 ta' Ġunju 2016, is-Sur Jean-Claude JUNCKER, President tal-Kummissjoni, għarraf lill-Kunsill li s-Sur Jonathan HILL kien irriżenja mill-kariga tiegħu bħala Membru tal-Kummissjoni b'effett mill-15 ta' Lulju 2016 f'nofsillej.
- (3) F'konformità mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 246 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, post battal ikkawżat minn riżenja jenħtieġ li jipptekha għall-bqija tal-mandat tal-Membru minn Membru ġdid tal-istess nazzjonallità.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li jinħatar Membru ġdid tal-Kummissjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Bi qbil komuni mas-Sur Jean-Claude JUNCKER, President tal-Kummissjoni, il-Kunsill jaħtar lis-Sur Julian KING bħala Membru tal-Kummissjoni għall-bqija tal-mandat, jiġifieri sal-31 ta' Ottubru 2019.

### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Settembru 2016.

Għall-Kunsill  
Il-President  
M. LAJČĀK

(¹) Opinjoni tal-15 ta' Settembru 2016 (għad mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).  
(²) ĠU L 311, 31.10.2014, p. 36.